MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2006

Numru 123/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH MERCIECA**

**VS**

**MATTHEW PORTELI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Matthew Portelli, ta' 19-il sena, bin Moses u Miriam nee' Attard, imwieled tal-Pieta' nhar it-3 ta' Settembru, u li joqghod fil-fond Flat 10, Entratura B, Binja tal-Mensija, Triq George Tayar, San Gwann, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 398 186 (M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu stess, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-

istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Talli bejn il-31 ta' Dicembru, 2005 u t-2 ta' Jannar 2006, minn gewwa Joem Service Station fi Triq Birkirkara, San Giljan, kemm minn gewwa l-istess fond kif ukoll mis-safe tal-pompi awtomatici nstallati fl-istess pompa, flimkien ma' certu Matthew Portelli, ikkommetta serq ta' flus u cavetta tal-istess safe liema serq hu aggravat bil-mezz, *ai termini* tal-Artikolu 263(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin (Lm1,000.00), u bil-hin, *ai termini* tal-Artikolu 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta; aktar talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira maltin (Lm500.00) izda izjed minn hamsin lira maltin *ai termini* tal-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli bejn il-lejl tal-15 ta' Jannar, 2006 u s-16 ta' Jannar, 2006, minn gewwa Joem Service Station, fi Triq Birkirkara, San Giljan, kemm minn gewwa l-istess fond kif ukoll mis-safe tal-pompi awtomatici nstallati fl-istess pompa, flimkien ma' Matthew Portelli, ikkommetta serq ohra ta' flus, liema serq hu aggravat bil-mezz, *ai termini* tal-Artikolu 263(a) tal-Kap 9, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin (Lm1,000.00) u bil-hin, *ai termini* tal-Artikolu 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta; iktar talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara ma tiskorrix il-hamsin lira maltin (Lm50.00) izda izjed minn ghaxar liri maltin (Lm10.00) *ai termini* tal-Artikolu 325(1)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli bejn il-31 ta' Dicembru, 2006 (recte 2005) u s-16 ta' Jannar, 2006 f'dawn il-Gzejjer, laqa' ghandu hwejjeg misruqa, *ai termini* tal-Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-imsemmija dati, hinijiet u postijiet, u cirkostanzi, kiser il-provdediment tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, li kien gie mpost fuqu b'sentenza tal-

Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 14 ta’ Novembru, 2005, liema sentenza saret definittiva.

Wara li rat l-Artikoli 261, 263(a) tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta’ Malta;
L-Artikolu 270 tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta’ Malta;
L-Artikoli 325(1)(b) u (c) tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta’ Malta;
L-Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
U kif ukoll l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li rat li t-tielet (3) akkuza inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel (1) akkuza, u ghalhekk il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat fil-verbal tal-lum, wara li nghata zmien rikjest mill-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu.

Ikkunsidrat:

Semghet lill-Ufficjal tal-*Probation* Victoria Grech;
Semghet lill-partijiet jittrattaw il-piena.

Rat il-fedina penali tal-imputat;
Rat l-Artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta’ Malta, u wara li semghet lill-partijiet, applikat l-istess Artikolu ai finijiet tal-piena.

Fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati, u tikkundannah sena (1) prigunerija, sospiza ghal tlitt (3) snin, b’supervizjoni tal-Ufficjal tal-*Probation,* ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------